# Karmenu Mallia

Karmenu Mallia twieled ġewwa Ħal Qormi u kien mgħammed fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Sa minn tfulitu beda juri li kien interessat fl-arti u beda jistudja l-kartapesta. Dak iż-żmien Mastru Karlozzu (Karlu Darmanin) kien imfittex ħafna għax-xogħol tal-kartapesta tiegħu.

Darmanin kellu ħanut tax-xogħol fin-numru 170 Triq il-Kbira San Ġużepp f'Santa Venera. Karmenu meta kien żagħżugħ kien jitla' minn Ħal Qormi għal Santa Venera fejn kien imur fejn Karlu Darmanin u fl-istess ħin kien jitgħallem ukoll.

Tista' tgħid li Karmenu Mallia kien l-iktar aliev ta' Darmanin li spikka u li ħadem xogħol. Meta Darmanin miet fl-1909 Mallia sar l-iktar statwarju li kien imfittex. Fil-fatt jingħad li Mallia kien xtara ħafna forom ta' Darmanin u beda jużahom fix-xogħol tiegħu. Mallia kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu fi Triq il-Kbira Ħal Qormi propju f'Numru 178. Huwa kellu d-dar tiegħu f'Numru 21 Triq San Ġużepp Ħal Qormi stess. Il-Vara Titulari tagħna ħadimha fil-ħanut tax-xogħol tiegħu f'Ħal Qormi. Huwa ħadem ukoll vara oħra titulari li hija dik ta' Marija reġina tal-matri ta' San Pawl il-Baħar. Inċidentalment din il-vara tinħareġ proċessjonalment fl-istess ġurnata li toħroġ Santa Venera bil-purċissjoni. Mallia ħadem ħafna vari oħrajn li jinsabu vvenerati fil-knejjes tagħna. L-iktar post li ħadem xogħol bla dubju kien ġewwa Ħal Qormi għall-festa ta' San Ġorġ. Fost dawn ta' min insemmu l-vara l-kbira ta' San Ġorġ fuq iż–żiemel li wara kienet inbiegħat lill-knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex. Għall-vara ta' Santa Venera,



Mallia kien tħallas is-somma ta' 36 lira. Dan ix-xogħol kien ikkummissjonat lilu minn Tumas Dalli li kien il-benefattur tal-Vara ta' Santa Venera. Jidher li Mallia ma kienx qabad u ħadem l-istatwa mingħajr ma qabel għamel riċerka. Il-pożizzjoni tal-vara turi li Mallia kien ħares lejn rappreżentazzjonijiet ta' Santa Venera saħansitra barra minn Malta. Fil-fatt teżisti somiljanza kbira bejn il-Vara tagħna u vari oħrajn ta' Santa Venera li qegħdin ġo Sqallija. Il-poża ta' qaddisa b'dirgħajha l-leminija merfugħa turi lejn is-sema tippriedka l-eżistenza ta' Alla wieħed hija xbiha marbuta ma' Santa Venera u għalhekk Mallia ħadem il-vara tagħna f'din il-poża. Huwa ħares ukoll lejn is-simboli marbuta ma' din il-qaddisa u poġġihomlha f'idha. Dawn huma l-palma bi tliet kuruni u s-salib.

Permezz ta' din il-vara l-istatwarju Qormi Karmenu Mallia, imlaqqam il-Lhudi, rabat ismu mar-raħal tagħna u din l-opra turi l-kapaċità tiegħu fil-qasam artistiku.


